# MINUTI

## Laqgħa b'urġenza tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat

## TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 95

20 ta' Frar, 2019

Il-Kunsilli Lokali Ta' Sannat ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz fi Triq Sannat, Ta' Sannat fil-4.42 p.m.

PREŻENTI:

Philip Vella – Sindku
Frances Galea – Viċi Sindku
Joseph Bajada – Kunsillier
Maria Cassar Sultana – Kunsilliera
Margaret Said – Kunsilliera

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

Marie Georgette Spiteri – Ambaxxattriċi għaż-Żgħażagħ

ASSENTI

n/a

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Jason Curmi – Segretarju Eżekuttiv

**Aġenda Nru. 95**

95.1 Tender SNTLC 01/2019 Resurfacing of Triq Sannat with hot rolled asphalt

# Minuti

Is-Sindku Philip Vella ippresjeda l-laqgħa wara li ntqalet it-talba tal-bidu. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-membri preżenti li l-Ambaxxatriċi għaż-Żgħażagħ ma setgħetx tattendi għal din il-laqgħa b'urġenza.

## 95.1 Tender SNTLC 01/2019 Resurfacing of Triq Sannat with hot rolled asphalt

95.1.1 Is-Sindku qal lill-Kunsill li kellha tissejjaħ din il-laqgħa b'urġenza wara li llum stess il-bord kompost għal evalwazzjoni w aġġudikazzjoni għal offerta Tender SNTLC 01/2019 Resurfacing of Triq Sannat with hot rolled asphalt, iltaqa' biex jevalwa w aġġudika din l-offerta wara li din għalqet nhar it-Tnejn 18 ta' Frar 2019. Is-Sindku qal li għal din l-offerta ssottomettew żewġ kumpaniji, il-kuntratturi kienu Road Construction Co. Ltd. għall-prezz ta' €694034.75ċ u Gatt Tarmac Ltd. għal prezz ta' €493068.40ċ. Dan il-prezz ta' tnejn hu bil-VAT eskluż. Mill-evalwazzjoni rriżulta li dak rikjest fl-offerta kien mimli kif mitlub biss fil-Bill of Quantities tal-aritmetika tal-kumpanija ta' Road Construction Co. Ltd. il-figura finali riedet taqra €553513.31ċ. Għalhekk il-bord qabel li din l-offerta għandha tingħata lill-irħas offerent u li kien mall-estimi ta' din it-triq. Is-Sindku semmha li se jerġa jsir survey ieħor dwar il-junction fil-bidu ta' din it-triq minħabba li Transport Malta talbet survey aktar speċifiku. Il-Kunsill qabel ma dan biex b'hekk ikun jista jibda x-xogħol fuq din it-triq b'fondi mill-Ministeru għal Għawdex u li tant kienet ilha mistennija mir-residenti Ta' Sannat li ssir.

Il-laqgħa ntemmet fil-4.52 p.m.

Konfermati, illum 18 ta' Marzu, 2019

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Philip Vella<br>Sindku | Jason Curmi<br>Segretarju Eżekuttiv |